REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/2265

tas-17 ta' Diċembru 2021

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 684/2009 fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' prodotturi żgħar indipendenti ċertifikati u awtoċertifikati ta' xorb alkoħoliku fid-dokument amministrattiv elettroniku

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa u li jħassar id-Direttiva 92/12/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 29(1) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2266 ([2]) jistabbilixxi l-formola għaċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 23a(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE ([3]) li għandu jiġi pprovdut mill-Istati Membri lil prodotturi żgħar indipendenti ta' xorb alkoħoliku. Dak ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-referenzi li għandhom isiru minn dawk il-prodotturi fid-dokument amministrattiv għall-moviment ta' xorb alkoħoliku skont il-Kapitoli IV u V tad-Direttiva 2008/118/KE.

(2) L-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 ([4]) jistabbilixxu l-istruttura u l-kontenut tal-messaġġi elettroniċi użati għall-iskop tal-movimenti tal-prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa, kif ukoll l-elementi tad-*data* meħtieġa għat-tlestija ta' ċerti elementi ta' *data* f'dawk il-messaġġi.

(3) Sabiex jiġu koperti l-prodotturi żgħar indipendenti ċertifikati u awtoċertifikati huwa meħtieġ li tiġi emendata l-ispjegazzjoni għall-elementi tad-*data* "l" u "n" tal-grupp tad-*data* "17" użati għad-dokument amministrattiv elettroniku għall-moviment ta' xorb alkoħoliku taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa.

(4) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 684/2009 jiġi emendat skont dan.

(5) Jenħtieġ li l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tiġi differita għall-1 ta' Jannar 2022 sabiex tiġi allinjata mal-applikazzjoni tal-miżuri nazzjonali promulgati għat-traspożizzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 ([5]).

(6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar id-Dazji tas-Sisa,

([1]) ĠU L 9, 14.1.2009, p. 12.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2266 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni għad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoċertifikazzjoni ta' prodotturi żgħar indipendenti ta' xorb alkoħoliku għall-iskop tad-dazju tas-sisa (Ara paġna 26 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

([3]) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 316, 31.10.1992, p. 21).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 684/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/118/KE fir-rigward tal-proċeduri kompjuterizzati għall-moviment ta' prodotti tas-sisa taħt sospensjoni tad-dazju tas-sisa (ĠU L 197, 29.7.2009, p. 24).

([5]) Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/1151 tad-29 ta' Lulju 2020 li temenda d-Direttiva 92/83/KEE dwar l-armonizzazzjoni tal-istrutturi tat-taxxi tas-sisa fuq l-alkoħol u x-xorb alkoħoliku (ĠU L 256, 5.8.2020, p. 1)

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

It-Tabella 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 684/2009 hija emendata kif ġej:

(1) fir-ringiela għall-element tad-*data* "l" tal-grupp tad-*data* "17", il-punti 3 u 4 fil-kolonna F jinbidlu b'dan li ġej:

"3. Għax-xorb alkoħoliku prodott minn produtturi żgħar indipendenti awtoċertifikati, id-dikjarazzjoni dwar l-istatus tal-operatur f'konformità mal-Artikolu 4, l-Artikolu 5(1) u l-Artikolu 5(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/2266* għandha tiżdied meta jkun maħsub li tintalab rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

4. Għax-xorb alkoħoliku prodott minn produtturi żgħar indipendenti ċċertifikati, id-dikjarazzjoni dwar it-tip ta' xorb alkoħoliku awtorizzat fiċ-ċertifikat skont l-Artikolu 2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/2266 għandha tiżdied meta jkun maħsub li tintalab rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni.

* Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/2266 tas-17 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/83/KEE fir-rigward taċ-ċertifikazzjoni u l-awtoċertifikazzjoni ta' produtturi żgħar indipendenti ta' xorb alkoħoliku għall-iskop tad-dazju tas-sisa (ĠU L 26).";

(2) fir-ringiela għall-element tad-*data* "n" tal-grupp tad-*data* "17", it-test fil-kolonna F huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għax-xorb alkoħoliku prodott minn produtturi żgħar indipendenti awtoċertifikati, il-kwantità tal-produzzjoni annwali f'konformità mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2021/2266 għandha tiġi pprovduta f'każ li jkun maħsub li tintalab rata mnaqqsa tad-dazju tas-sisa fl-Istat Membru tad-destinazzjoni. Il-valur ta' dan l-element tad-*data* għandu jkun akbar minn żero.".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN